**Ir-Raba' Ħadd tal-Avvent** | Il-Ħadd 18 ta' Diċembru 2022

# Aħbar **Tajba**

Is 7, 10-14
Salm 23 (24), 1-2.3-4ab.5-6
Rum 1, 1-7
Mt 1, 18-24



"Ara, ix-xebba tnissel u jkollha iben,
**u jsemmuh Għimmanu-El."**

Ma nafx intom, imma jien meta sħabi kienu jaqtgħu biex nilagħbu xi logħba futbol tgħidx kemm kont nieħu gost meta kienu jagħżluni fl-istess tim ma' xi ħadd tajjeb. Kien ikolli ċertu serħan il-moħħ li se mmorru tajjeb. Anki fil-proġetti tal-iskola, tgħidx kemm kont inkun kuntent meta l-għalliema kienet tpoġġini fi grupp ma' dawk li kienu jmorru tajjeb. Mhux għax kont se nħallihom jagħmlu kollox huma! Dejjem ippruvajt nagħmel il-parti tiegħi, imma m'hemm xejn isbaħ milli tħoss li m'intix waħdek u li hemm oħrajn li se jgħinuk

Illum, l-Aħbar it-Tajba qed twegħedna propju dan. Il-messaġġ ċentrali tas-silta li għadna kif smajna hu li Alla huwa dejjem magħna. Anke meta sħabna jħalluna jew dawk l-aktar qrib tagħna ma jifhmuniex, Alla qatt ma jħallina. Fl-Evanġelju ta' San Mattew dan il-messaġġ hu tant importanti li nsibuh kemm fil-bidu tiegħu, fis-silta li għadna kif qrajna meta l-Anġlu jgħid lil Marija li binha kien se jkun l-Immanu-El, kelma li tfisser 'Alla hu magħna', kif ukoll fi tmiemu, qabel t-tlugħ fis-sema ta' Ġesù. L-aħħar kliem li Ġesù jgħid lill-Appostli tiegħu wara li bagħathom ixandru l-Aħbar it-Tajba lil kulħadd, kien propju "... u ara jiena nkun magħkom dejjem sal-aħħar taż-żmien". U dan il-kliem li Ġesù qal lill-appostli, llum qed jgħidu lilna wkoll. Alla dejjem magħna.

Qiegħed magħna permezz tal-ħolqien. Ma nistax ma narax l-id ta' Alla meta nħares lejn is-sbuħija, il-kobor, il-qawwa, il-varjetà u l-kreattività tal-istess natura ta' madwarna. Alla qiegħed magħna permezz tal-Kelma tiegħu. Fil-ġrajjiet tal-Bibbja niltaqgħu ma' persuni li bħalna jixtiequ jkunu tajbin u għalhekk ħallew lil Alla jgħinhom jinbidlu. Fil-ġrajjiet tagħhom Alla jurina x'jixtieq minna.

Fl-aħħarnett Alla qiegħed magħna permezz ta' Ibnu Ġesù fl-Ewkaristija. Hekk nistgħu ngħidu li lil Alla narawh fil-ħolqien ta' madwarna, nisimgħuh permezz tal-Kelma tiegħu u nġorruh fina fis-sagrament tal-Ewkaristija.

Għalhekk ejjew dan il-Milied niċċelebrawh bil-kbir, għaliex mhux qed niċċelebraw storja li ġrat ilu ħafna u li issa għaddiet, imma qed niċċelebraw lil xi ħadd li mhux talli jidħol f'ħajjitna imma jibqa' magħna dejjem, fil-mumenti sbieħ kif ukoll dawk diffiċli. Il-Milied it-tajjeb.

## Rigal għall-oħrajn

X’tista tagħmel biex tħejji ruħek aħjar għall-miġja ta’ Ġesù? Lil min tista’ tgħin? Fiex tista’ tkun aħjar? Ikteb hawn taħt x'se tagħmel għal dawk ta’ madwarek.



## Nibżgħu għall-Ilma!

Pajjiżna jgawdi l-ilma frisk mill-ilma tal-pjan (*water table*) li għandna f'ċerti nħawi ta' Malta. Dan l-ilma jżomm għax it-tafal mhux poruż u jżommhulna jew jerfagħhulna minn dak li jaqa' mix-xita. Dan jammonta għal ftit minn dak li nużaw. Il-bqija hu ilma baħar li jitneħħielu l-melħ permezz ta' *Reverse Osmosis* li għandna f' Lapsi, Pembroke, u ċ-Ċirkewwa . Ir- *Reverse Osmosis* tuża 2/3 tal-elettriku ta' Malta biex tagħmel dan. Għalhekk jeħtieġ nibżgħu għall-ilma frisk. Jista' jiġi żmien fejn infittxu l-ilma frisk u ma nsibuhx. Mela ma naħlux ilma.

- Inħeġġek tagħlaq il-vit meta ma tkunx qed tuża l-ilma waqt li tinħasel u taħsel snienek.
- Uża l-*half flush* meta tista' tinqeda bih.
- Erġa' uża l-ilma tal-magna tal-ħasil tal-ħwejjeġ u tal-*air conditioner* biex taħsel xi parapett.
- Ħabrek biex tiġbor l-ilma tal-bejt u tal-bitħa għal ġol-bir.
- Ipprova imla l-barmil biex taħsel il-karozza flok tuża l-pajp tal-ilma.

Kull qatra tgħodd!
Moħħok hemm!

Aħbar **Tajba** hija inizjattiva tal-Media Centre flimkien mal-Fondazzjoni YOUTHEME u tiddependi mill-ħidma ta' diversi voluntiera u benefatturi. Għandna bżonn ukoll ta' ħafna talb biex din il-ħidma tħalli l-frott mixtieq. Min jixtieq jgħin, finanzjarjament, bit-talb jew b'xi ħidma oħra jista' jibagħtilna fuq

**info@sayitmalta.com**

Grazzi.







mediacentre

design • video production • animation • publishing • web

GĦAŻEL PRODOTTI LI JIBDLU ĦAJJET IN-NIES GĦALL-AĦJAR!

GĦAŻEL IL-KUMMERĊ ĠUST



SAY IT!
ĦANUT TAL-KUMMERĊ ĠUST
www.sayitmalta.com - info@sayitmalta.com
32 Tarxien Road Paola



AĦBAR **TAJBA** hija pubblikazzjoni tal-Media Centre flimkien ma' SayIt Publications u YouTheme Foundation.
Min jixtieq jagħti kontribuzzjoni finanzjarja jew jordna aktar kopji ta' dan il-fuljett jista' jibagħtilna *email* fuq *info@sayitmalta.com* jew iċempel fuq 2569 9100.